# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 65**

**Rikors numru 878/15/1 RGM**

**Anthony Pandolfino**

**v.**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ta' Anthony Pandolfino mressaq minnu fit-18 ta' Settembru, 2015, li permezz tiegħu kkontesta l-ittra uffiċjali mressqa mis-soċjeta` intimata fil-konfront tiegħu skont l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn ingħad:

"1. Illi permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 2974/15 datata 28 ta' Awwissu 2015, is-soċjeta` ntimata talbet lir-rikorrenti sabiex iħallas is-somma ta' €18,356.08, rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-Ammont skont il-Liġi relatat mal-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000169475, ossia dwar il-fond bl-indirizz Pandy's Riding School, Triq St. Andrews, St. Andrews.

2. Illi din l-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata mill-Korporazzjoni intimata skont l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema ittra ġiet notifikata lir-rikorrenti fl-ewwel (1) ta' Settembru elfejn u ħmistax (2015).

3. Illi preliminarjament, l-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjeta` ntimata hija nulla u dan peress illi ġiet preżentata quddiem Qorti li hija nieqsa mill-kompetenza valoris neċessarji sabiex tieħu konjizzjoni tal-pretensjoni tas-soċjeta` ntimata.

4. Illi wkoll in linja preliminari, u mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq suespost, l-ittra uffiċjali preżentata mis-soċjeta` intimata hija nulla u dan stante illi l-istess ittra bl-ebda mod ma tindika il-perjodu waqt liema allegatament ġie konsumat l-ilma u l-elettriku u s-servizzi l-oħra msemmija fl-ittra, u għalhekk hija fl-ewwel lok nieqsa minn element essenzjali u fit-tieni lok tippreġudika d-difiża tar-rikorrenti kontra l-pretensjoni tas-soċjeta` ntimata b'mod li ma jistax jiġi rimedjat.

5. Illi in oltre, u wkoll in linja premliminari, l-ammont pretiż mis-Soċjeta` ntimata huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, u dan peress illi kien ċertu Alfred Mallia li kien qiegħed jokkupa u jiġġestixxi Pandy's Riding School għal numru ta' snin sakemm l-iskola għalqet minħabba l-esekuzzjoni ta' ordni ta' żgumbrament.

7. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu l-pretensjoni tas-soċjeta` ntimata hija nfondata fid-dritt u fil-fatt peress illi r-rikorrenti ma setgħax kkonsma d-dawl u l-ilma.

8. Illi finalment ir-rikorrenti jippreċiża illi Pandy's Riding School ma kienetx tinsab f'St. Andrew's Road, iżda fi Triq Giachinno Le Brun, ġia Tubrok Road.

9. Illi l-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Għaldaqstant, u in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi m'hijiex kompetenti sabiex tisma l-kawża de quo u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ; JEW

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ittra uffiċjali bin-numru 2974/14 datata 28 ta' Awwissu 2015 mibgħuta mis-soċjeta` ntimata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija invalida u nulla u dan peress illi hija nieqsa minn element essenzjali li jippreġudika d-difiża tar-rikorrenti b'mod irrimedjabbli; JEW

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-ammont ta' tmintax-il elf, tlett mija, sitta u ħamsin Ewro (€18,356.08) dovuti bħala għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-Ammont skont il-Liġi relatat mal-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000169475, ossia dwar il-fond bl-indirizz Pandy's Riding School, Triq St. Andrews, St. Andrews, ma huwiex dovut għaliex huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili; JEW

4. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti m'huwiex il-leġittimu kontradittur għall-pretensjoni tas-soċjeta` ntimata; JEW

5. Subordinatament u fil-mertu tiddikjara u tiddeċiedi li s-somma pretiża mis-soċjeta` ntimata m'hijiex dovuta.

Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta` ntimata, li minn issa hija nġunta in subizzjoni".

2. Rat ir-risposta tas-soċjeta` Automated Revenue Management Services Ltd, tas-26 ta' Ottubru, 2015, li permezz tagħha wieġbet:

"1. Illi s-soċjeta` Automated Revenue Management Services Ltd intavolat l-ittra ġudizzjarja bin-numru 2974/15 *ai termini* tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra r-rikorrent, liema ittra qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. ARMS1**;

2. Illi *ai termini* tal-imsemmija ittra uffiċjali annessa u mmarkata bħala **Dok. ARMS1**, is-soċjeta` esponenti sad-data sa' meta ġiet intavolata l-ittra uffiċjali odjerna kienet kreditriċi tar-rikorrent Anthony Pandolfino għall-ammont ta' tmintax-il elf, tlett elef u sitta u ħamsin ewro u tmien ċenteżmu (€18,356.08) rappreżentanti f'konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku u spejjeż amministrattivi relatati mal-kont tas-servizzi bin-numri 101000169475 u dan salv ammonti oħra dovuti;

3. Illi preliminarjament, il-linja difensjonali relatata mal-allegat kompetenza valoris hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont reklamat huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u għalhekk jaqa taħt il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi huwa r-rikorrent Anthony Pandolfino li huwa rreġistrat fuq il-kont in kwistjoni u jibqa' għalhekk responsabbli għal tali kont sakemm ma tiġi intavolata applikazzjoni sabiex il-kont jinqeleb fu isem ħaddieħor;

5. Illi l-linja difensjonali tar-rikorrent dwar il-preskrizzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt anke in vista' li l-perjodu ta' preskrizzjoni jiġi interott permezz tal-volontarjeta`, l-ixjenza tad-debitu, l-inekwivoċita` u l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt ieħor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, il-wegħda tal-ħlas;

6. Illi l-pretensjonijiet kollha miġjuba mir-rikorrent Anthony Pandolfino huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. In vista tas-suespost, u b'riżerva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li ġġib is-soċjeta` esponenti fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-soċjeta` esponenti hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha twarrab it-talba tar-rikorrent Anthony Pandolfino, bħala waħda mingħajr ebda bażi u li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara li l-ittra numru 2974/15 intavolata *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija reża eżekuttiva kontra r-rikorrent.

Bl-ispejjeż u b'riżerva għall-imgħax dovut skont il-liġi".

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar, 2021, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens li ngħad minnha:

"*qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta; tiċħad ir-rikors tat-18 ta' Settembru, 2015, bl-ispejjeż kontra l-attur*."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Fit-28 t'Awwissu 2015 giet ipprezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 Ittra Ufficcjali bin-numru 2974/15 mis-socjetà Automated Revenue Management Services kontra Anthony Pandolfino. Bis-sahha ta' din l-ittra Anthony Pandolfino gie mitlub ihallas is-somma ta' tmintax-

il elf, tlett mija u sitta u hamsin Ewro u tmien centezmi (€18,356.08) rapprezentanti bilanc dovut ghal konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imghax dovut fuq l-imsemmi ammont, relatati mal-kont tas-servizz ghal fond bl-indirizz Pandy's Riding School, Triq St. Andrews, St. Andrews.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Fis-7 ta' Marzu 2016 xehed **Anthony Pandolfino** fejn spjega li huwa kien ghamel *Management Agreement* ma' Alfred Mallia fir-rigward ta' Pady Stables, f'St. Andrews fl-2001 u minn dik is-sena huwa qatt ma resaq lejn dak il-post. Jghid li huwa qatt ma kien ircieva kontijiet ta' dawl u ilma fuq l-imsemmi post u lanqas xi ittra minghand xi avukat dwar il-kontijiet. In kontro-ezami huwa jghid li meta kien jircievi xi kont, ohtu u r-ragel taghha kienu jmorru ghand Alfred Mallia jtuh il-kontijiet u "kien iqattghahom f'wiccu"[1]. Ix-xhud jghid li ghalkemm ma jiftakarx jekk kellux kont rregistrat fuqu mal-ARMS huwa jikkonferma li kien jircievi kontijiet. Jghid li huwa kien ilu f'dak il-post mill-1985 u dejjem hallas.

Telgha jixhed **Reuben Bonnici**, impjegat mas-socjetà konvenuta fl-ufficcju legali ta ARMS. Waqt ix-xhieda huwa pprezenta faxxikklu ta' dokumenti li kienu jikkonsistu f'rendikont tal-kontijiet li nhargu mill-1989 sa Marzu 2016. Dan l-ahhar kont jindika bhala somma dovuta l-ammont ta' dsatax-il elf, tlett mija u tnax-il Ewro u tmienja u tletin centezmu (€19,312.38). Ix-xhud jghid li mis-17 ta' Jannar 1990 ma sar l-ebda pagament. Ix-xhud jippreciza wkoll li d-dokument li huwa pprezenta huwa relatat biss ma' ilma u ghalhekk is-somma imsemmija aktar kmieni tirrigwarda ilma biss. Reuben Bonnici rega' telgha jixhed fejn huwa pprezenta kopja ta' kont li kien l-ahhar kont li hareg bhala *actual* li jgib id-data tat-12 ta' Novembru 2001. Fl-14 ta' Gunju 2017 ix-xhud ipprezenta sett ta' dokumenti ohra li jinkludu korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet.

L-ewwel ittra iggib id-data tal-5 ta' Jannar 1994 fejn permezz taghha l-attur qieghed jikkontesta l-kont tad-dawl u ilma li huwa kien ircieva u dan a bazi li dawk il-kontijiet kienu hlasijiet pendenti mis-sidien ta' qablu. F'din l-ittra Pandolfino jispjega li huwa rregistra l-kumpanija tieghu Pandy's Riding School Ltd fl-24 ta' Gunju 1992 u sussegwentament applikat ghas-servizzi necessarji. F'din l-ittra Pandolfino talab li l-kwistjoni tigi rimedjata u dan anke ghaliex hemm "*three (3) independent taps being utilised by outsiders, including employees of the Ministry of Tourism*."[2]

[1] Pagna 22 tal-process.
[2] Pagna 87 tal-procecss.

It-tieni ittra hija datata 6 ta' Gunju 1995 li biha l-attur ukoll kien ikkontesta l-kontijiet. Fost ir-ragunijiet li huwa ressaq, wiehed jaqra s-segwenti:

> *"a. When the meter was installed, my client never signed for it, nor was the meter fixed thanks to his application;*
>
> *b. Without prejudice to the above written, the meter was not installed in a building, but it is out in the open, connected to four (4) taps accessible to outsiders, like the Ministry of Tourism (beach cleaning department) together with all the campers of White Rocks down by Splash and Fun Park"*

Ittra ohra intbaghtet fit-22 t'April 1998 fejn fiha rega' gie ripetut dak li intqal fl-ittri precidenti kif ukoll ghamel referenza ghal fatt li huwa mar l-Ufficcju gewwa San Gwann sabiex jimla formola jindika fejn xtaq li jitqieghed il-meter. Jghid li huwa applika u hallas Lm60 izda wara xi zmien qalulu li huwa qatt ma kien applika. F'din l-ittra jindika wkoll li huwa ma joqghodx gewwa l-indirizz li fih intbaghat il-kont.

Fl-4 ta' Lulju 2005 Pandolfino baghat ittra ohra fejn jghid li Pandy's Riding School ilha ghal dawk l-ahhar tlett snin immexxija minn Alfred Mallia. F'din l-ittra jispjega li huwa ghandu proceduri gudizzjarji ghaddejjien kontra dan Alfred Mallia minhabba xi hlasijiet li kellhom isiru. Apparti wkoll li Mallia kien qieghed jokkupa l-post illegalment ghaliex il-kuntratt tat-tmexxija kien ghalaq. Jghid ukoll li huwa penzjonant u jghaddi ezatt bil-penzjoni. Fl-ittra hemm imsemmija wkoll li huwa kien qieghed jigbor xi flus dovuti lilu. Fir-rigward tal-kont tal-ilma huwa jghid li dan il-kont huwa dovut minn Alfred Mallia ghaliex f'dak il-perjodu kien hu li qieghed jokkupa l-fond u cioe minn Settembru 2001 sad-data tal-ittra. Ikompli jghid izda li "*however, my client is also aware that since the water and electricity supply is registered on his name, he has no option other than to acknowledge the debt as his*."[3] Kien ghalhekk li huwa talab lid-Dipartiment awtorizzazzjoni sabiex jaghmel hlasijiet ta' Lm30 fix-xahar.

Id-dipartiment irrisponda ghal din l-ittra fil-11 t'Awwissu 2005 fejn intlaqat il-proposta tal-hlas mensili izda gie mitlub ukoll li l-kont ghandu jithallas kollu fi zmien 12-il xahar minn meta jsir il-bejgh ta' assi liema assi ghandhom jigu identifikati u maqbula fuqhom qabel il-proposta tigi finalizzata. Gie informat ukoll li "*supply will be reconnected upon payment of Lm60.00 reconnection fee*."[4] Permezz ta' ittra ohra datata 13 t'Ottubru 2005, id-Dipartiment kien informa lil-legali ta' Anthony Pandolfino li huma kienu ghadhom ma rcevew l-ebda konferma dwar dak li intqal fl-ittra tal-11 t'Awwissu 2005.

Fit-2 ta' Dicembru 2008 l-Korporazzjoni tal-Ilma bghatet ittra lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva Kordin fejn talbet informazzjoni dwar jekk

[3] Pagna 79 tal-process.
[4] Pagna 73 tal-process.

Pandolfino huwiex verament detenut u jekk iva kemm hi l-piena li qieghed jiskonta u dan sabiex il-korporazzjoni taghraf tidderiegi ruhha fir-rigward tal-kontijiet pendenti li ghandu mal-istess korporazzjoni.

Permezz ta' ittra datata 7 ta' Jannar 2009, il-korporazzjoni giet informata li Anthony Pandolfino kien qieghed jiskonta piena ta' ghaxar snin habs skont sentenza moghtija f'Ottubru 2006. Ma' din l-ittra legali intbaghtet ittra miktuba minn Anthony Pandolfino stess. F'din l-ittra Pandolino jibda billi jghid li huwa beda jiehu hsieb l-istalel mill-4 ta' Lulju 1985. Qal ukoll li huwa nduna li kien hemm *meter* tal-ilma barra l-binja flimkien ma' tlett viti tal-ilma li kienu accessibbli ghal kulhadd. Jghid ukoll li ghalkemm ma kienx hemm *meter* tad-dawl, elettriku kien hemm xorta u ghalhekk qabbad *electrician* sabiex jiccekja kif dan kien possibbli. Jghid li dan kien informah li d-dawl kien gej dirett mil-linja tal-Gvern. Jghid li huwa applika sabiex jirregolarizza s-sitwazzjoni. F'din l-ittra huwa jerga jirrepeti li l-Ministeru tat-Turizmu kien qieghed juza l-istess *meter* tal-ilma tieghu, kif ukoll li l-*campers* kienu qeghdin jaghmlu uzu mil-vit tal-ilma li kienu barra waqt li l-istalel kienu maghluqin. Jghid li huwa kien mar jaghmel ilment fit-taqsima responsabbli mill-ilma u kien hemmek li nduna li Lm800 minn Lm1200 kienu dovuti qabel ma huwa kien ha l-istalel f'idejh. Kien ghalhekk li huwa kien isugerixxa li rimanenti Lm400 jithallsu nofs bin-nofs u cioe Lm200 mill-Ministeru tat-Turizmu u Lm200 minnu. F'din l-ittra jerga jghid li huwa qatt ma kien applika ghal *meter* fejn kien jinstab dak iz-zmien u li huwa kien mar San Gwann biex japplika u jerga jghid x'gara u ma garax. Jghid li huwa baqa' jircievi l-kontijiet izda baqa' jinjorahom. Jghid li sa dak iz-zmien huwa qabbad lil xi haddiehor jiehu hsieb l-istalel. Jghid li din il-persuna li huwa kien qabbad bdiet taghti l-ilma lill-haddiema li kienu qeghdin jibnu *maisonettes* tal-Gvern. Il-kont tal-ilma telgha ghal Lm2,400 u kien ghalhekk li qalgha l-ilma. Jghid li huwa pogga tank tal-1000 gallun fuq is-saqaf u kull tlett gimghat igib *bowser* biex jimlih. Ikompli jghid li l-persuna li kienet qieghda tiehu hsieb il-fond applikat ghall-meter tal-ilma u inghata *compliance certificate.* F'din l-ittra huwa qieghed jghid li huwa jibqa' jinsisti li l-meter originali ma kienx sar f'ismu.

Xehed **Martin Bajada** ghan-nom tal-Awtorità tal-Artijiet. Bajada jghid li l-fond in kwistjoni li kien qieghed jintuza kemm bhala stalel kif ukoll bhala residenza, kien qieghed jigi okkupat illegalment u kien ghalhekk li ghamlu zgumbrament. Jghid li Anthony Pandolfino kien wiehed milli kien qieghed jaghmel uzu mill-post minghajr ma kellu titolu ta' lokazzjoni fejn kien ghalhekk meqjus bhala *squatter*. Jghid li din l-informazzjoni huwa kisibha mill-*file* tad-dipartiment u mhux ghax jafha hu personalment u dan ghaliex huwa ma kienx involut fl-ezekuzzjoni tal-izgumbrament. Dan ix-xhud ipprezenta wkoll xhieda li huwa kien ta fil-kawza civili bin-numru 426/2014 AE moghtija fil-11 ta' Frar 2015 fl-ismijiet Anthony Pandolfino vs. Alfred Mallia. Ix-xhud gie mistoqsi "Jigifieri xi hadd li qed jokkupa post tal-gvern u huwa suppost squatter, johrog il-kont tad-dawl u l-ilma fuqu?" ix-xhud jirrispondi li "Mhux suppost, issa jekk dan irranga mal-Enemalta u ma xi hadd, seta' dawwar, id-dipartiment ma jidholx fiha. Jekk il-binja hija registrata

ghand id-dipartiment tal-artijiet, m'ghandux ikun hemm kont tad-dawl u l-ilma fuq isem haddiehor."[5] Ix-xhud jghid li meta ghamlu l-izgumbrament, hafna kienu l-affarijiet li nhargu inkluz zwiemel, dghajsa u *speed boat*.

Jjirrizulta li l-binja ta' l-istalel gewwa St. Andrews hija proprjetà tal-Gvern, liema art ma kinitx mikrija u giet okkupata minn diversi *squatters*. Ix-xhud Martin Bajada ghid li d-Dipartiment ha azzjoni ghall-izgumbrament fejn l-ewwel id-Direttur gie mitlub japprova l-izgrumbrament imbaghad fil-minuta 170 tal-*file* hemm l-approvazzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet. Fit-18 t'April harget l-ordni ta' zgumbrament. Din l-ordni twahhlet mill-pulizija. Bajada jghid li partijiet mill-istalel bdew jintuzaw bhala residenza. Skont il-file Pandolfino gie notifikat bl-ordni ta' zgumbrament fil-5 ta' Mejju 2005. Jghid li erbatax-il l-ordni ta' zgumbrament kellhom jinhargu ghaliex kien hemm nies li qeghdin jokkupaw partijiet differenti tal-istalel. Dawn l-erbatax-il ordni hargu fil-15 ta' Frar 2010. L-ordni ta' zgumbrament giet ezegwita mis-16 ta' Frar 2010 sat-3 ta' Marzu 2010. Ix-xhud qal ukoll li xi ufficjal tad-Dipartiment kien xehed fil-Qorti u fil-minuti kiteb hekk: ""*I testified that the premises in question according to our records are vacant and the department has been ordering Mr. Pandolfino to vacate premises since 1994. I also confirm that the request made by Dr. Bezzina on behalf of Pandolfino red 151, the department accepted his request and was given four months time up till April 2004 to find alternative accommodation after which follows eviction.*" Miktuba 30 ta' Jannar 2004"[6] Ix-xhud spjega li irrizultalu li fit-3 ta' Lulju 1997 kienet digà harget ordni ta' zgumbrament kontra Anthony Pandolfino izda qatt ma ttiehdu passi.

Martin Bajada rega' xehed fl-14 ta' Marzu 2018 fejnipprezenta dokumenti tal-ispejjez li saru sabiex sar l-izgumbrament, fejn fir-rigward ta' Anthony Pandolfino l-ispejjez kienu jammontaw ghal hamest elef disa' mija u tmienja u erbghin Ewro (€5,948). Jghid li l-affarijiet kollha li gew imnehhija mill-post jinstabu fil-pussess tal-Awtorità, izda m'huwiex f'pozizzjoni li jaghti inventarju ghaliex meta sar l-izgumbrament ma kienx sar inventarju, minnflok ittiehdu ritratti. Fir-rigward tal-kont tad-dawl u ilma ix-xhud jghid li l-ebda *Change of Consumer Form* ma imtliet – din hija formola li timtela meta wiehed ikun jaghti l-fond lura lill-Gvern. Bajada xehed li jekk izda kien hemm arlogg (*meter*) registrat fuq xi hadd l-Awtorità ma tistax tghid u dan ghaliex l-Awtorità ma tidholx f'kwistjonijiet ta' dawl u ilma. Bajada spjega li l-post illum il-gurnata inghata lil Red Cross.

Fil-21 ta' Marzu 2019 xehed **Alfred Mallia** fejn jghid li huwa kein jiehu hsieb il-post Pandy's Stables mill-2001 sal-2010. Rigward il-kontijiet tad-dawl u ilma, Mallia qal li huwa kien jaghti l-flus lil Pandolfino izda dan tal-ahhar ma kienx imur ihallas il-kontijiet. Jghid li kienu marru tad-dawl u qatghulu d-dawl u hu spicca minghajr dawl u ghalhekk gab wire

[5] Pagna 68 tal-process.
[6] Pagna 92 tal-process.

minn gym li kien hemm fil-vicin biex ikollu d-dawl. Ghal mistoqsija tal-Qorti jekk qattx mar ihallas il-kont direttament hu, Mallia wiegeb li huwa mar izda ma setghux jaghmlulu meter tad-dawl ghalih ghaliex f'fond wiehed ma jistax ikun hemm zewg arloggi. Ix-xhud spjega li huwa hareg mill-fond in kwistjoni ghaliex kien gie imkecci. Jghid li Pandolfino kien ilu mkecci mill-1996 u lilhu kienu jwissuh biex johrog. Jghid li Pandolfino qatt ma kien qallu li gie mkecci minn dik il-proprjetà.

In kontro-ezami ix-xhud ghal mistoqsija jekk marx l-ARMS ma' Pandolfino biex jaqleb il-meter ghal fuq ismu, huwa irrisponda fin-negattiv. Jikkonferma li la l-ARMS, la Pandolfino u lanqas haddiehor ma fittxewh biex ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

Xehdet oht l-attur, **Maryrose Scerri** fejn spjegat li kull meta kien jasal xi kont hija kienet taghtih lil Alfred Mallia izda dan tal-ahhar ma kienx jaghti kaz "kemm tad-dawl u kemm tat-telefon u anzi tad-dawl kien sellef id-dawl lil ta' faccata ghax kien hemm xi xogholijiet, kien isellifhom id-dawl u darba minnhom wara li hadtlu l-kont qattaghuli f'wicci."[7] Tghid li Mallia qatt ma kien jaghtiha flus sabiex thallas il-kont.

In kontro-ezami, ix-xhud tghid li ma tiftakarx jekk lil Anthony Pandolfino kinitx qaltlu li Mallia qatta' l-kont f'wiccha. Tghid li lil ARMS ma kinitx marret tghidilhom b'dan lanqas. Scerri tikkonferma li l-kontijiet kienu qeghdin ihalluhom hemm minghajr ma jigu mhallsa. Tikkonferma wkoll li l-kontijiet kienu qeghdin jinhargu fuq isem Anthony Pandolfino. Tghid li fiz-zmien in kwistjoni hija ma kellhiex prokura minghand huha izda dejjem hi kienet tmur u tiehu hsieb. Ghalkemm ma tiftakarx f'liema sena kienu qeghdin jirciveu l-kontijiet, tghid li kienu kontijiet mill-antiki ghax imbaghad waqfu jibghatu kontijiet. Ma tiftakarx ezatt jekk kienx bejn l-2002 u l-2004. In re-ezami tghid li dak iz-zmien huha kien il-habs.

Xehed **Anthony Pandolfino** waqt is-seduta tat-13 ta' Gunju 2019 fejn spjega li huwa kien ghamel kuntratt ma' Alfred Mallia ghal tlett snin. Fil-bidu Mallia kien qieghed ihallsu u huwa jaghmel il-hlas tal-kont. Jghid li meta huwa kien indisposta, ohtu u r-ragel taghha kienu jmorru ghand Alfred Mallia u kien iqatta l-kontijiet f'wicchom. In kontro-ezami huwa jikkonferma li l-kuntratt li semma' ta' tlett snin beda fl-2001, izda ma jikkonfermax li dak iz-zmien huwa digà kellu ordni ta' zgumbrament.

Fl-10 t'Ottubru 2019 rega' xehed **Reuben Bonnici**, Executive Legal Officer mas-socjetà ARMS Limited fejn huwa kkonferma li ma kienet saret l-ebda talba sabiex il-kont tal-fond mertu tal-kawza jinqaleb minn *account holder* wiehed ghal iehor. In kontro-ezami, Bonnici ikkonferma li ma kien hemm l-ebda sub-file u wiehed huwa l-file rigwardanti l-kontijiet in kwistjoni. Jghid li huwa dar il-file diversi drabi u ma sab l-ebda formola ghal bdil fl-isem tal-utent.

Ikkunsidrat;

[7] Pagna 144 tal-process.

**L-Azzjoni Attrici**.

Din hija azzjoni mahsuba biex tattakka procediment ghall-hlas dovut lil xi dipartiment tal-Gvern skond l-**Artikolu 466 tal-Kapitolu 12,** li jipprovdi illi:

> "(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u ikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' *meters* relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-*metering*, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-*meter*.
>
> (2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta'dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.
>
> [...]"

L-attur Anthony Pandolfino, bir-rikors tieghu tat-18 ta' Settembru 2015 qieghed jikkontesta l-pretensjoni maghmula bis-sahha tal-ittra ufficjali u d-dikjarazzjoni guramentata li gew ipprezentati fit-28 ta' Awwissu 2015 ghall-finijiet tal-isemmi Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, mis-socjetà konvenuta Automated Revenue Management Services Limited.

Pandolfino ressaq diversi aggravji in sostenn tat-talba tieghu sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba fl-ittra ufficjali bhala wahda infondat.

**Nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris***

Filwaqt li l-ewwel zewg pregudizzjali qeghdin biss jelenkaw il-fatti, it-tielet pregudizzjal sollevat mill-attur fir-rikors promotur huwa fis-sens li din il-Qorti hija nieqsa mill-kompetenza *ratione valoris*.

Fit-28 t'Awwissu 2015 is-socjetà konvenuta ipprezentat ittra ufficcjali indirizzata lil Anthony Pandolfino ghal hlas tas-somma ta' tmintax-il elf, tlett mija u sitta u hamsin Ewro u tmien centezmi (€18,356.08) rapprezentanti bilanc allegatament dovut ghal konsum ta' ilma, kera ta' meter tal-ilma, spejjez amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imghax dovut fuq l-imsemmi ammont, relatati mal-kont tas-servizz ghal fond bl-indirizz Pandy's Riding School, Triq St. Andrews, St. Andrews.

Waqt il-prosegwiment tal-kawza kif ukoll waqt it-trattazzjoni finali, l-attur naqas milli jiggustifika u jispjega tali pretensjoni.

Il-Qorti tqis li valur tat-talba huwa determinat fl-ittra ufficcjali mahruga ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12.[8] Is-somma ta' tmintax-il elf, tlett mija u sitta u hamsin Ewro u tmien centezmi (€18,356.08) hija ferm aktar gholja minn dak li kien jirrikjedi l-**Artikolu 47 tal-Kapitolu 12** qabel saru l-emendi bis-sahha tal-Att IV tal-2016 u cioe is-somma ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin centezmu (€11,646.87). Referenza ghal dan l-artikolu qieghda ssir peress li huwa l-artikolu li jiddetermina s-somma massima li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta). B'dan ghalhekk ifisser li kull somma aktar minn €11,646.87, illum hmistax-il elf Ewro (€15,000), taqa' awtomatikament taht il-kompetenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla. Ghal din ir-raguni din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tiddikjara li hija ghandha kompetenza *ratione valoris* u ghalhekk tichad it-tielet aggravju tal-attur.

**Nullità**

L-attur jikkontendi n-nullità tal-ittra ufficjali bin-numru 2974/15 , ipprezentata mis-socjetà ARMS Limited, u dan stante fuq il-pretest li l-imsemmija ittra ma tindikax il-perjodu li fih allegatament gie ikkonsmat l-is-servizzi imsemmija fl-ittra u ghalhekk isostni li l-ittra hija nieqsa minn element essenzjali. Pandolfino jsostni li galadarba b'ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 466, id-dipartiment jikseb titolu ezekuttiv bil-fakolta li johrog il-mandati kollha mehtiega, id-dipartiment kellu l-obbligu li jissodisfa aktar rekwiziti fosthom indikazzjoni ċara tal-perijodu li ghalih qieghed jintalab il-hlas .

Ikkonsidrat;

L-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 466 jipprovdi illi fid-dikjarazzjoni guramentata, il-Kap tad-Dipartiment ghandu jiddikjara (1) xi tkun ix-xorta tad-debitu, (2) l-isem tad-debitur, u (3) jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.

Fl-ittra ufficcjali kif ukoll fid-dikjarazzjoni mahlufa annessa mieghu - inghad illi l-ammont dovut minn Anthony Pandolfino huwa ta'

[8] **Artikolu 748 (b) tal-Kapitolu 12**.

€18,356.08. Dwar fhiex kien jikkonsisti dan l-ammont jingħad, sew fl-ittra uffiċjali kif ukoll fid-dikjarazzjoni maħlufa, illi s-somma imsemmija kienet tirrapreżenta ***"f'bilanc dovut ghall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi, relatat mal-kont bin-numru 101000169475 relatat mal-fond bl-indirizz Pandy's Riding School, Triq St. Andrews, St. Andrews."***

Ir-rikorrent jilmenta illi fl-ittra uffiċjali kif ukoll fid-dikjarazzjoni ġuramentata ma ġiex indikat iż-żmien li għalih kien jirreferi l-ammont reklamat. Dan huwa minnu. Pero' tali nuqqas ma jwassalx għan-nullita' tal-ittra uffiċjali in kwantu hemm indikazzjoni ċara li s-somma mitluba kienet tirreferi għall-kontijiet tal-ARMS, lie kienet tirreferi għal kera ta' meter tal-ilma, ghal spejjez amministrativi, connection u disconnection fees, kif ukoll imgħax kollox relatat ma' kont numru 101000169475 referibbli ghal Pandy's Riding School, Triq St Andrews, St Andrews. Tqis għalhekk illi dan l-aggravju ma hux fondat.

**Preskrizzjoni**

L-attur jilmenta wkoll li l-ammont pretiz mis-socjetà konvenuta huwa preskritt ai termini tal-**Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16**, liema artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
>
> [...]
>
> (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku"

Il-preskrizzjoni kwinkwennali mahsuba fl-artikolu hawn kwotat tikkoncerna imghaxijiet jew kreditu li ghandu b'oggett haga fungibbli bhal ma huma flus[9]. Fil-kawza **Giovanni Saliba et vs. Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, inghad li fejn fl-**Artikolu 2156 (f)** jipprovdi:

> ""ghall-hlas ta' kull kreditu iehor…." dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-depozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici w ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun "eiusdem generis" skond ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza."

Huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li l-preskrizzjoni enunzjata fl-Artikolu 2156 (f) hija soggetta għal interpretazzjoni *eiusdem generis*. Ghalhekk, il-kelma 'kreditu' tigbor fiha biss jeddijiet li

[9] **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deċiża mill-Prim' Awla, Qorti Ċivili fid-19 ta' Ottubru 1954.

huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-Artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-Artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' *obbligazione di fare*, imma kollha obbligazzjonijiet ghal hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bħal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Fil-fatt fil-kawza **Giovanni Mifsud vs. Giuseppe Pullicino** deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fid-19 t'Ottubru 1954 gie ritenut illi:

> "jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. Kull kreditu iehor, hemm imsemmi m'ghandux jiftiehem li jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus."

Fil-kaz odjern, it-talba tas-socjetà konvenuta hija wahda li tikkoncerna hlas ta' flus.

Hija regola ewlenija li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti kontra minn tqajmet din l-eccezzjoni tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti eccipjenti billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. [10] F'kaz ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eccipjenti. Din ir-regola ewlenija trid tinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16**:

> "(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

Bl-emendi li dahlu fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017 bis-sahha tal-Att I tal-2017, m'ghadux bizzejjed li jigi ppruvat id-dekors ta' hames snin, izda sabiex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156 tigi milqugha, ghandhom jigu sodisfatti l-elementi elenkati fl-Artikolu 2160. B'dan ifisser ghalhekk li l-pozizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-pozizzjoni tieghu fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret wahda attiva, fis-sens illi huwa d-debitur innifsu li minn jeddu u bil-gurament tieghu waqt il-kawza ghandu jikkonferma li ma huwiex debitur.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza **P & S (C-4860) et vs. Noel Zammit et** (Rik Gur 279/2017) deciza mill- Qorti Civili, Prim'Awla nhar is-16 ta' Frar 2018 fejn gew ezaminati fid-dettal l-effetti tal-emendi fuq

[10] **Stencil Pave (Malta) Limited vs. Dr. Maria Deguara et noe**, deciza fit-30 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti Civili, Prim'Awla.

l-Artikolu 2160 u ingħad: 'Li forsi ma fehmx il-konvenut hu, li l-eċċezzjoni taħt artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodiċi Ċivili ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu msemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa biss wieħed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili."

Il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-decizjoni **Bottega del Marmista Ltd vs. Paul Mifsud et** (App Civ 286/2015) moghtija fis-26 ta' Jannar 2018 gie enfasizzat li:-

> "Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda talartikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu."

Minn harsa lejn il-provi mressqa mill-attur, jirrizulta li Anthony Pandolfino telgha jixhed darbtejn minn jeddu, fis-7 ta' Marzu 2016, qabel l-emenda kif ukoll aktar ricenti u cioe fit-13 ta' Gunju 2019. Kien f'din is-seduta li l-attur ghalaq il-provi tieghu u ghalkemm telgha jixhed minn jeddu huwa ma xehedx, b'mod inekwivoku, li huwa m'huwiex debitur kif jitlob l-Artikolu 2160 kif emendat, kif kellu kull l-opportunità li jaghmel, izda spjega ghalfejn m'ghandux ihallas il-kontijiet. [11] Din il-Qorti tqis li d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2160 (1) tal-Kapitolu 16 hija cara f'dan ir-rigward..

L-eccezzjoni tar-rikorrent dwar il-prekrizzjoni ma tistax tirnexxi inkantu fl-ebda hin ma r-rikorrent iddikjara bil-gurament tieghu illi mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk hallasx il-kontijiet tal-ARMS skond ma jitlob l-Artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili, hekk kif emendat. Naturalment il-Qorti tqis li dan a sehhex ghaliex ir-rikorrent ma kienx f'posizzjoni li jaghmel tali dikjarazzjoni guramentata li naturalment iggorr il-piz taghha wkoll.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-hames l-pretensjoni tar-rikorrent li t-talba tas-socjeta' intimata hija preskritta ma hiex fondata u qed tigi rigettata.

[11] Ara wkoll **Ruth Scicluna vs. Deluxe Construction Co Ltd** (App Civ 258/2017) deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-18 ta' Novembru 2020.

**Mhux legittimu kontradittur**

Eccezzjoni ohra ta' natura preliminari sollevata mill-attur hi li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur u dan peress li kien hemm certu Alfred Mallia li kien qieghed jaghmel uzu mill-fond Pandy's Riding School, Triq St. Andrews, St. Andrews.

L-attur jikkonferma fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Marzu 2016 li huwa kien ilu fil-post mertu tal-kawza mill-1985 u dejjem hallas il-kontijiet. Jikkonferma wkoll li huwa kien jircievi l-kontijiet izda ippretenda li meta ghadda l-fond lil Alfred Mallia huwa ma jibqax ihallas il-kontijiet li huwa jircievi minn ghand l-entita konvenuta u huwa ghalhekk li qieghed jghid li m'huwiex legittimu kontradittur.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza succitata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Ltd vs. Norman Seychell** fejn gie spjegat li:

> "f'materji ta' istallazzjoni ta' servizz ta' dawl u ilma gewwa fond, ir-relazzjoni guridika bejn il-fornitur tas-servizz, f'dan il-kaz is-socjeta` intimata, u l-konsumatur registrat, tibqa' fis-sehh bejn l-istess partijiet irrispettivament minn kwalsiasi tibdil *de facto* fil-konsumatur tas-servizz u irrispettivament ukoll minn xi trasferiment tal-pussess jew uzu tal-fond lil terzi, purche` ovvjament, dan ma jsirx tibdil formali tal-konsumatur registrat tas-servizz bil-kunsens tal-fornitur. Dan proprju ghaliex kull trasferiment jew tibdil fil-konsumatur registrat mal-fornitur, li ma jsirx bl-approvazzjoni tal-istess fornitur, ikun *res inter alios acta* ghalih."

L-attur jirrikonoxxi li l-kont mal-ARMS kien isejjah lilu. Ma gab l-ebda proa li f'xi zmien ha hsieb sabiex il-kont idur minn fuq ismu ghal fuq isem l-imsemmi Alfred Mallia. Kien jinkombi fuqu li jinforma lis-socjetà konvenuta sabiex dan il-kont jigi trasferit fuq haddiehor. Inutili li titla oht ir-rikorrent u tixhed illi meta kienet tmur bil-kontijiet tal-ARMS ghan Alfred Mallia dan kien iqatta l-kontijiet f'wiccha. Ghall-kuntrarju, dan kien agir illi kellu juri bic-car lill-attur illi Mallia ma kien behsiebu jhallas il-kontijiet. Kien allura agir illi jindika bic-car li Pandolfino kellu jagixxi sabiex il-kont ma jibqax fuq ismu jekk ma riedx kompli jhallas tali kontijiet. Minnn dan kollu ma ghamel xejn u ghalhekk huwa aktar milli evidenti li qua account holder l-attur Pandolfino kien responsabbli ghall-kontijiet tal-ARMS mertu ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

**Quantum tal-Ammont Mitlub**.

Jibqa' l-kwistjoni jekk l-ammont mitlub huwiex dovut fl-intier tieghu jew le. L-attur jinsisti li ma jistax ikun li huwa kkonsma l-ammont kollu mitlub..

L-attur jallega illi fil-fond in kwistjoni kien hemm numru ta' viti tal-ilma li kienu fuq in-naha ta' barra tal-binja li minnhom kienu jiehdu l-ilma terzi

persuni u cioe haddiema tal-Ministeru tat-Turizmu, kif ukoll xi *campers*. L-attur naqas milli jgib prova ta' dawn l-allegazzjonijiet u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrih fuq sempliciment allegazzjonijiet minghajr l-icken korroborazzjoni dwar dak li qieghed jinghad mill-attur. Il-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (Artikolu 562 tal-Kapitolu 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Artikolu 559 tal-Kapitolu 12).

Fis-sentenza taghha il-Qorti Civili, Prim'Awla moghtija fis-26 ta' Settembru 2013 fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et**, (Cit Nru 2590/1999) qalet:-

> "Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri mhix pubblikata, imma f`dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004)."

Li naqas ukoll l-attur huwa li jispjega kif dawk il-viti esposti ghall-pubbliku gew fis-sehh. Qabel ma ghadda c-cavetta lil Alfred Mallia l-attur kellu kontroll tal-fond. Ma ta l-ebda spjegazzjoni ghaliex kien installa jew halla li jigu installati tlett viti tal-ilma fuq barra accessibbli ghall-pubbliku, dejjem skond l-attur.

Jirrizulta li l-attur gie zgumbrat mill-fond Pandy's Riding School bejn is-26 ta' Frar 2010 u 3 ta' Marzu 2010. Naturalment ma giex zgumbrat mis-socjeta' konvenuta izda minn awtorita' governativa responsabbli mill-binjiet pubblici. Tali ordni ta' zgombru u l-eventwali ezekuzzjoni taghha hija konferma li Anthony Pandolfino kien jaghmel uzu minn dan il-fond, tant li fil-bidu kien ihallas il-kontijiet li kien jirċievi minghajr ebda kontestazzjon.

Ma jirrizultax li wara l-izgombru Anthony Pandolfino ha xi azzjoni sabiex ismu ma jibqax registrat mas-socjeta' konvenuta bhala l-account holder.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddikjara infondata it-talba tas-socjeta' konvenuta kif kontenuta fl-ittra ufficjali de quo fil-konfront tal-attur".

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Pandolfino li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi, tilqa' l-appell

imressaq minnu u tilqa' t-talbiet sollevati mressqa minnu fir-rikors promotur u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta` appellata, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess soċjeta` appellata.

6. Rat ir-risposta tas-soċjeta` appellata Automated Revenue Management Services Limited, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar it-28 ta' Jannar, 2021, fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami, li baqa' differit għas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

9. Dan il-każ jittratta proċeduri mressqa skont l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn permezz tar-rikors promotur, qiegħda tiġi attakkata pretensjoni ta' ħlas magħmula mis-soċjeta` appellata Automated Revenue Management Services Limited fil-konfront tiegħu, fejn permezz ta' ittra uffiċjali talbet il-ħlas tas-somma ta' €18,356.08 rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera tal-

*meter* tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* flimkien ma' imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi fuq il-kont 101000169475 relatat mal-fond Pandy's Riding School, Triq St. Andrews, St. Andrews. Kwindi r-rikorrent ikkontesta l-imsemmija ittra uffiċjali billi qajjem is-segwenti raġunijiet: (i) in-nuqqas ta' kompetenza tal-Ewwel Qorti *ratione valoris;* (ii) l-invalidita` jew nullita` tal-ittra uffiċjali bin-numru 2974/15 ippreżentata fit-28 ta' Awwissu, 2015, peress li hija nieqsa minn element essenzjali li jippreġudika d-difiza tiegħu b'mod irrimedjabbli; jew li l-ammont mhuwiex dovut peress li jinsab preskritt a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili; jew li r-rikorrent mhuwiex il-leġittimu kontradittur għall-pretensjoni tas-soċjeta` intimata; jew tiddikjara fil-mertu li s-somma pretiża mis-soċjeta` intimata mhix dovuta.

10. Permezz tar-risposta tagħha, is-soċjeta` intimata baqgħet tinsisti li hija kreditriċi tar-rikorrent Anthony Pandolfino fl-ammont mitlub minnha. Ikkontestat il-linja difensjonali adottata mir-rikorrent dwar l-allegata inkompetenza tal-Qorti; li r-rikorrent huwa reġistrat fuq il-kont in kwistjoni u li jibqa' għalhekk responsabbli għalih sakemm ma tiġix intavolata applikazzjoni sabiex jinqaleb f'isem ħaddieħor; li l-preskrizzjoni u l-pretensjonijiet vantati mir-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ukoll peress li l-preskrizzjoni ġiet interrotta permezz ta' wegħda ta' ħlas; u għalhekk it-talbiet tar-rikorrent kellhom jitwarrbu bħala bla bażi.

11. L-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` intimata u ċaħdet ir-rikors tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

12. Ir-rikorrent ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tiegħu jissejjes fuq erba' aggravji:

(I) L-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li r-rikorrent kien ilu nieqes minn dak il-fond sa mis-sena 1985 u li meta sar jaf li kien hemm *meter* tal-ilma barra l-binja flimkien ma' tliet viti li kienu aċċessibbli għal kulħadd, qabbad *electrician* sabiex jivverifika kif dan kien possibbli u applika sabiex jirregolarizza s-sitwazzjoni. Inoltre r-rikorrent kien qabbad lil xi ħaddieħor jieħu ħsieb l-istalel fl-assenza tiegħu u kienet dik il-persuna li kienet qiegħda tagħti l-ilma lill-bennejja li kienu qegħdin jaħdmu fil-viċin. Dik il-persuna tant kienet qiegħda tieħu ħsieb il-fond li hija stess applikat għall-*meter* tal-ilma wara li ngħatat *compliance certificate* mentri r-rikorrent insista li l-*meter* oriġinali ma kienx sar f'ismu u li huwa dejjem ħallas il-pagamenti dovuti, filwaqt li kien għamel *Management Agreement* ma' ċertu Alfred Mallia fir-rigward ta' Pandy Stables f'St. Andrews fl-2001 u minn dik is-sena qatt ma reġa' resaq lejn dak il-post. Tant ma kellux kontroll fuq il-post li huwa kien qiegħed jiskonta sentenza ta' għaxar snin ħabs skont sentenza ta' Ottubru, 2006 u għaldaqstant qatt ma seta' kien hu l-persuna responsabbli mill-konsum tal-ilma u l-elettriku.

(II) It-tieni aggravju huwa fis-sens li ġaladarba x-xhud Martin Bajada li tela' jixhed għan-nom tad-Dipartiment tal-Artijiet li l-fond kien qiegħed jintuża minn Anthony Pandolfino bħala stalel kif ukoll bħala residenza, dan kien qiegħed isir b'mod illegali peress li l-binja kienet tal-Gvern u meta jkun hemm *squatter* li jkun qiegħed jokkupa fond, il-kontijiet mhux suppost li jinħarġu f'isem l-i*squatter* u għalhekk l-appellant jikkontendi li m'għandux ikun obbligat li jħallas il-pagamenti peress li ma kienx rikonoxxut u ma setgħux jinħarġu kontijiet fuqu.

(III) It-tielet aggravju jikkonsisti li l-Ewwel Qorti ma qisetx biżżejjed fil-bilanċ bejn dak li nġieb bħala prova u dak li seta' jinġieb. Dak li ġie ndikat bħala nuqqas ta' prova rigward l-"allegazzjonijiet" bħala raġuni prinċipali li fuqha straħet sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha u b'hekk dan ma jfissirx li r-rikorrent kien qiegħed jigdeb fix-xhieda tiegħu, anzi kien qiegħed jgħid il-verita`, punt li fil-qafas sħiħ tas-sentenza ma ġiex miċħud mill-Ewwel Qorti.

(IV) Fir-raba' aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti ħadet nota tal-fatt li l-appellant m'għamilx dikjarazzjoni ġuramentata, hija wriet il-fehma li dan ma sarx peress li huwa kien jaf bil-ħlasijiet dovuti u għalhekk l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li ppreġudikat lir-rikorrent billi użat din ir-raġuni kontra tiegħu u mhux il-

kontra. Kwindi fis-silenzju tal-parti l-oħra, il-verżjoni tar-rikorrent ma ngħatatx il-piż legali li kellha tingħata.

13. Għalkemm huwa minnu li kif ingħad mis-soċjeta` appellata, li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba b'mod leġġer l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti, min-naħa l-oħra, kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*."

Jeħtieġ, ghalhekk, li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tal-appellant.

14. Jinħass xieraq li l-ewwel jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak fejn l-appellant jilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti ħadet nota tal-fatt li l-appellant m'għamilx dikjarazzjoni ġuramentata, hija wriet il-fehma li dan ma sarx peress li huwa kien jaf bil-ħlasijiet dovuti u għalhekk l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li ppreġudikat lir-rikorrent billi użat din ir-

raġuni kontra tiegħu. Jibda billi jiġi ppreċiżat illi dwar l-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l-emendi li l-Ewwel Qorti għamlet referenza għalihom, saru kemm bis-saħħa tal-Att I tal-2017, kif ukoll bl-Att VIII tal-2017. Iżda fil-verita` l-emendi li jolqtu l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, m'għandhomx japplikaw għall-każ in eżami, peress li l-emendi in kwistjoni ma jolqtux eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni ġa validament imressqa qabel ma daħal fis-seħħ l-Artikolu 2160 kif emendat fl-2017. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Sergio Manche v. Carmel Grech** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2018, u **Semago Trading Company Limited v. The Stork Enterprises Company Limited** deċiża fis-26 ta' Novembru, 2020 u dik aktar reċenti ta' **Amanda Briffa *proprio et nomine* et v. Stephen Fenech** fit-12 ta' Mejju, 2022.) L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'dan il-każ tressqet permezz tar-rikors promotur fit-18 ta' Settembru, 2015 u għalhekk l-emendi msemmija mill-Ewwel Qorti ma kinux għadhom gew fis-seħħ. Fiċ-ċirkustanzi, għalhekk għandu japplika l-Artikolu 2160, kif kien fis-seħħ fiż-żmien meta nfetħet il-kawża in eżami, f'Settembru tal-2015, u mhux l-Artikolu 2160 kif ġie mibdul wara dakinhar. Isegwi li ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ġurament imsemmi mill-Ewwel Qorti u konsegwentement il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward tabilħaqq kienu ta' preġudizzju għar-rikorrent. Ir-raba' aggravju tal-appellant jirriżulta allura bħala wieħed ġustifikat.

15. Dan ifisser li l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mir-rikorrent taħt l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, b'dan illi fiż-żmien rilevanti, l-Artikolu 2160 kien irid li eċċezzjoni bħal dik imqajma minnu ma kellhiex effett jekk kemm-il darba, meta dik il-persuna li tkun qajmitha jingħatalha l-ġurament, ma tistqarrx li mhix debitriċi jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa kinitx tħallset. F'dan ir-rigward ingħad li "*Ġie ritenut illi jmiss lill-parti li kontra tagħha l-preskrizzjoni tiġi eċċepita .. .. li tiddeferixxi l-ġurament lill-eċċipjent. Jekk hi ma tiddeferix il-ġurament .. .. il-Qorti ma tistax tordnah ex officio. U la l-ġurament ma jkunx ġie deferit, il-preskrizzjoni sseħħ anke mingħajru*". (Ara sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Stephen Muscat *nomine* v. Nicholas Grima et** deċiża fit-28 ta' April, 2021).

16. Mill-atti jirriżulta li r-rikorrent appellant xehed minn jeddu darbtejn f'din il-kawża. Dan ma jfissrix li kif jingħad mill-appellata li kellu żewġ okkażjonijiet li jagħmel in-negazzjoni, peress li kif hawn qabel spjegat, kellha tkun l-istess appellata li tressaq lir-rikorrent fuq ġurament waqt il-kawża sabiex jikkonferma li mhuwiex debitur għall-ammont minnha mitlub. Iżda għalkemm sar kontro-eżami tar-rikorrent appellant fiż-żewġ okkażjonijiet, ma saritlu l-ebda mistoqsija li setgħet titqies li l-appellant kien qiegħed jingħata l-ġurament deċiżorju, kif kienet tipprovdi l-liġi fis-seħħ fiż-żmien relattiv. Isegwi li jeħtieġ li jiġi nvestit jekk il-preskrizzjoni vantata mill-appellant seħħitx, ladarba l-għoti tal-ġurament skont il-liġi ta'

dak iż-żmien ma ngħatax. Dan apparti li l-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa' mhux biss bil-ġurament deċiżorju, iżda wkoll billi wieħed juri illi għal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eċċepita mhijiex ammissibbli, jew li kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha" (ara sentenzi **Kollez. Vol. XXX. I.998; Vol XXXVII.II.626**)." Għall-ekonomija tal-ġudizzju, din il-Qorti ser tqis hija stess l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif imressqa mill-appellant fir-rikors promotur tiegħu.

17. Mhuwiex ikkontestat mis-soċjeta` appellata li t-terminu preskrittiv applikabbli għall-ħlas ta' dawk li huma servizzi ta' dawl u ilma, huwa dak ta' ħames snin kif maħsub fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, kif invokat mill-appellant fir-rikors promotur tiegħu. Li jingħad fir-risposta tal-appellata huwa li dan it-terminu jista' jiġi nterrott permezz ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent, ammissjoni jew wegħda ta' ħlas. Kif irriteniet din il-Qorti (Kummerċjali) fis-sentenza **Paolo Calleja v. Luigi Vella**, tal-15 ta' Ġunju, 1964, (Kollez. Vol. XLVIII.I.603) meta tiġi eċċepita l-preskrizzjoni kwinkwennali, imiss lil min jeċċepiha li jipprova li l-ħames snin ikunu għalqu jew skadew. Min-naħa l-oħra jekk dan jiġi ppruvat, imiss imbagħad lill-parti l-oħra li tipprova li l-kors tal-preskrizzjoni kien ġie validament interrott. L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tkun tirriżulta jekk issir il-prova tal-preżentata u n-notifika ta` att ġudizzjarju kontra d-debitur (ara l-Artikolu 2128 tal-Kap. 16). Inkella ssir il-prova li bl-imġieba tiegħu, id-debitur iqiegħed lilu nnifsu ġo sitwazzjoni billi jagħraf il-jedd tal-kreditur,

b'xi mod li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-bażi tal-preskrizzjoni.

18. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-provi li l-bażi tal-pretensjoni tas-soċjetà appellata hija għall-ħlas tal-bilanċ tas-somma ta' €18,356.08, liema ammont imur lura għall-perjodu twil, ċioe` bejn is-sena 1989 (ara fol. 30) u jibqa' sejjer sal-2015 (ara fol. 46). L-ittra uffiċjali a tenur tal-Artikolu 466 ġiet ippreżentata fit-28 ta' Awwissu, 2015. Ma ġiex muri li s-soċjeta` appellata qatt interrompiet il-preskrizzjoni qabel din id-data, iżda permezz tar-risposta tagħha qalet li l-perjodu ta' preskrizzjoni jista' jiġi nterrott permezz ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent, ammissjoni jew wegħda ta' ħlas. Iżda l-uniċi dokumenti li bihom jista' jingħad li ġiet interrotta l-preskrizzjoni hija l-ittra esebita a fol. 88 li saret fl-20 ta' April, 2004, fejn ir-rikorrent jirreferi għal pagament li sar u fejn wiegħed ukoll li jipprova "*to get this settled as soon as I can*", u kif ukoll l-ittra legali a fol. 78 maħruġa għan-nom tal-appellant fl-4 ta' Lulju, 2005. Minn din l-istess korrispondenza jirriżulta dikjarat is-segwenti:

> "*What has to be emphasized is that a large part of the bill is factually due by Alfred Mallia through the period of occupancy of the stables, that is from September 2001, to date. However **my client is also aware that since the water and electricity supply is registered on his name, he has no option other than to acknowledge the debt as his.**"* (enfasi ta' din il-Qorti)

Konsegwentement intalab li r-rikorrent iħallas il-bilanċ mitlub minnu permezz ta' ħlasijiet bin-nifs ta' Lm30 fix-xahar. Għalkemm din il-

korrispondenza titqies ċertament rikonoxximent tad-dejn dovut li effettivament interrompiet il-preskrizzjoni, madankollu l-perjodu preskrittiv reġa' beda jiddekorri mill-ġdid. Ma jirriżultax li sar xi att ġudizzjarju bejn din il-korrispondenza tal-2005 u dak tat-28 ta' Awwissu 2015. Mix-xhieda tal-appellant fil-mori tal-kawża, ma jirriżultax li huwa b'xi mod għaraf li l-bilanċ pretiż mill-appellata kien b'xi mod dovut. Barra minn hekk, mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta` appellata ma jirriżultax li sar l-ebda pagament bejn is-sena 1990 sa meta saret l-ittra uffiċjali (ara fol. 27 tal-proċess). Dan ifisser li l-kontijiet kollha li nħarġu qabel is-27 ta' Awwissu, 2010, huma preskritti.

19. Ġaladarba qiegħed jingħad li l-kontijiet ta' qabel is-27 ta' Awwissu, 2010, huma preskritti jmiss li din il-Qorti tqis l-aggravji tal-appellant sa fejn dawn jolqtu l-kontijiet bejn is-27 ta' Awwissu, 2010 u t-28 ta' Awwissu, 2015. Għalhekk ma hemmx ħtieġa li jiġi trattat l-ewwel aggravju sa fejn jattakka l-kontijiet antiki. Jiġi osservat li l-principju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, (Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jigi deskritt bħala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. L-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi wkoll li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. Huwa minnu, li fl-istess provvediment jingħad li, il-

Qorti għandha dritt tesiġi li titressaq l-aħjar prova, iżda dan ma jeżonerax lill-appellant milli jressaq il-provi sabiex isostnu dak li jingħad minnu.

20. Hekk per eżempju, filwaqt li jingħad mill-appellant li kien hemm *Management Agreement* ma' terza persuna (Alfred Mallia) sa mis-sena 2001, u dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda tal-istess Alfred Mallia (ara fol. 142), dan il-ftehim ma jinsabx esebit in atti sabiex wieħed ikun jista' jiddetermina aħjar il-ftehim rigward l-użu tas-servizzi bħalma huma l-konsum tad-dawl u ilma. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li dan il-każ inqala' konsegwenza tat-traskuraġni tal-istess appellant li ma ħax ħsieb li jagħmel it-trasferiment tal-*meters* minn fuq ismu għal fuq isem Alfred Mallia, meta ddeċieda li joħroġ mill-fond. L-istess jingħad fir-rigward tal-ilment li Mallia kien iqatta' l-kontijiet; kellha raġun l-Ewwel Qorti meta qalet li l-aġir ta' Mallia "*kien juri biċ-ċar lill-attur li Mallia ma kienx beħsiebu jħallas kontijiet. Kien allura aġir illi jindika biċ-ċar lil Pandolfino kellu jaġixxi sabiex il-kont ma jibqax fuq ismu jekk ma riedx ikompli jħallas tali kontijiet.*" Għalhekk sa fejn dan l-ilment jissejjes fuq dawn ir-raġunijiet, qajla l-appellant jista' jingħata raġun.

21. L-appellant jilmenta li ma setax kien hu l-persuna responsabbli għall-konsum minn Ottubru tas-sena 2006 (data tas-sentenza tal-Qorti li permezz tagħha jingħad li l-appellant beda jiskonta piena ta' għaxar snin ħabs – ara fol. 74). Ma jirriżultax mill-atti jekk l-appellant infurmax lill-

Korporazzjoni li tipprovdi s-servizzi tal-ilma mal-ewwel, sabiex tieħu l-passi meħtieġa. Iżda jirriżulta mill-atti li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bdiet tivverifika li effettivament l-appellant kien jinsab detenut fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin f'Diċembru, 2008, liema informazzjoni ġiet ikkonfermata mill-avukat tal-appellant fis-7 ta' Jannar, 2009 (ara fol. 74 u 75 tal-proċess). Dan iwassal lil din il-Qorti titħasseb kif il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma ħaditx il-passi meħtieġa u baqgħet toħroġ il-kontijiet ġodda f'isem l-appellant, saħansitra wara li kien mgħarraf lilha li dan kien jinsab fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, dan jingħad b'referenza għall-kontijiet li baqgħu jinħarġu f'isem l-appellant wara Jannar tas-sena 2009. Minn ħarsa lejn l-elenku tal-fatturi li nħarġu lill-appellant wara s-sena 2009, hemm numru ta' fatturi li jinkludu l-interessi, iżda hemm numru ta' fatturi li huma ntitlolati "IS-U Invoicing".

22. Tabilħaqq ħadd ma ressaq spjegazzjoni fir-rigward, iżda konsidrata x-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta` intimata fejn jingħad li l-aħħar qari attwali tal-*meter* sar lura fit-12 ta' Novembru, 2001 (ara xhieda ta' Reuben Bonnici a fol. 64 tal-proċess u Dok. RBX3 a fol. 89), dan ipoġġi f'dubju l-attwalita` tal-kontijiet maħruġa u fid-dubju ma jitqisx li jkun ġust li l-appellant iwieġeb għan-nuqqas tal-Korporazzjoni kompetenti li tieħu l-azzjoni meħtieġa f'waqtha wara Jannar tas-sena 2009. Għalkemm huwa minnu li kif issostni s-soċjeta` appellata li r-relazzjoni ġuridika tagħha kienet mal-appellant u ppruvat in-ness ġuridiku meħtieġ, l-għaqal kien

jiddetta li, hekk kif kienet mgħarrfa li l-appellant jinsab detenut fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, li tistaqsi lilha nnifisha dwar il-konsum kontinwu tal-ilma minkejja li l-appellant kien jinsab hekk detenut u jew tagħmel spezzjoni jew tieħu l-passi meħtieġa (bħal sospensjoni tas-servizz, kif wara kollox jirriżulta li għamlet fl-2005 - ara fol. 73) sabiex il-pjaga ta' kontijiet li mhumiex imħallsa ma tibqax tikber.

23. Fit-tieni aggravju, l-appellant jagħmel referenza għax-xhieda ta' Martin Bajada in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet fejn ingħad minnu li l-appellant kien qiegħed jokkupa l-fond in kwistjoni bla titolu peress li l-proprjeta` hija tal-Gvern u għalhekk isostni li bħala *squatter* ma kellu qatt ikun responsabbli li jħallas il-kontijiet. Għandu jingħad illi, għalkemm huwa ta' tħassib kif *squatter* irnexxielu jagħmel mezz li jdawwar il-*meters* tas-servizzi fuq ismu, meta ma kellu l-ebda titolu fuq il-proprjeta` in kwistjoni, jibqa' l-fatt inkontestat li l-appellant għamel perjodu jokkupa l-proprjeta` in kwistjoni huwa stess u għalhekk indubbjament għamel użu mis-servizzi relattivi. Baqa' wkoll responsabbli għal dawn is-servizzi minkejja li kellu *Management Agreement* ma' terza persuna, ladarba kif spjegat qabel, m'għamilx trasferiment tal-*meters* fuq dik il-persuna. L-appellant kien ben konxju tal-fatt li huwa kellu jwieġeb għall-kontijiet ladarba l-*meters* kienu saru f'ismu. Minkejja dan, għalkemm kif jingħad mis-soċjeta` appellata t-titolu fuq proprjeta` jew in-nuqqas tiegħu mhuwiex prova tal-konsum jew in-nuqqas tiegħu, huwa wkoll ta' tħassib

kif minkejja li saret azzjoni ta' żgumbrament da parti tad-Dipartiment tal-Artijiet, bejn is-26 ta' Frar, 2010 u t-3 ta' Marzu, 2010 (ara Dok. MB1 a fol. 125) allura wieħed jifhem li ma hemm ħadd aktar jokkupa dik il-proprjeta` b'mod illegali, baqgħu jinħarġu kontijiet għall-konsum tas-servizz tal-ilma. Ir-raġuni tista' tinstab fil-fatt li kif ingħad qabel, l-aħħar kont ibbażat fuq qari attwali jmur lura għas-sena 2001, imma dan fil-verita` jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li l-appellant m'għandux iwieġeb għall-allegat konsum wara s-sena 2010, peress li tonqos il-prova konvinċenti tal-konsum attwali fuq il-kont in kwistjoni.

24. Fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appellant jinghad minnu li l-Ewwel Qorti ma qisetx biżżejjed fil-bilanċ bejn dak li nġieb bħala prova u dak li seta' jinġieb. B'żieda mal-prinċipju msemmi qabel, li jinsab inkorporat fl-Artikolu 562 tal-Kap. 12, tajjeb li jiġi mfakkar illi fir-rigward tal-materja ta' provi, jingħad ukoll li tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), kemm fuq il-konvenut in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara sentenza **Kollez. Vol. XLVI.I.5**. Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex, kif ingħad, "*jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta*" – (Ara sentenza **Kollez. Vol. XXXVII.i.577**, kif ukoll is-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri),

fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**). Il-Qorti tifhem li dan huwa l-bilanċ li l-appellant qiegħed jagħmel referenza għalih.

25. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tajjeb jingħad li l-ewwel oneru tal-prova kien jispetta lill-appellant li kkontesta t-talba ġudizzjarja magħmula fil-konfront tiegħu mis-soċjeta` appellata u li fil-verita` rnexxielu jpoġġi f'dubju l-kreditu pretiż mis-soċjeta` appellata, iżda l-piż tal-prova tal-eżistenza u l-attwalita` tal-kreditu pretiż mis-soċjeta` appellata jaqa' fuqha. F'dan il-każ l-appellant ressaq provi li fl-aħħar tas-sena 2008 il-Korporazzjoni kienet infurmata li huwa kien jinsab detenut f'Kordin u fil-bidu tas-sena 2010, d-Dipartiment tal-Artijiet wettaq azzjoni ta' żgumbrament fil-konfront tal-okkupanti tal-fond li fuqu kienu qegħdin jinħarġu l-kontijiet mertu tal-każ in eżami. Fil-konfront ta' dawn il-provi, kien jeħtieġ li s-soċjeta` appellata tressaq provi konvinċenti ta' qari attwali tal-kontijiet in kwistjoni. Għalkemm huwa minnu li kif ingħad mill-Ewwel Qorti, l-appellant ma ħax azzjoni sabiex ismu ma jibqax reġistrat mas-soċjeta` intimata bħala *account holder,* jibqa' l-fatt li l-appellant irnexxielu jpoġġi f'dubju kemm il-kontijiet tas-soċjeta` appellata kienu korretti ladarba kienu bbażati biss fuq stima u mhux fuq qari attwali tal-*meters* tal-inqas għal dak iż-żmien li l-Korporazzjoni kienet mgħarrfa li huwa kien jinsab detenut fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u sussegwentement safa saħansitra żgumbrat mill-fond in kwistjoni! Isegwi li għall-istess raġunijiet

mogħtija taħt l-ewwel żewġ aggravji, dan l-aggravju wkoll jimerita li jintlaqa'.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell tal-appellant Anthony Pandolfino, billi tilqa' l-istess u filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent fir-rikors promotur u għar-raġunijiet hawn qabel imfissra tiddikjara li l-ammont pretiż mis-soċjeta` appellata permezz tal-ittra uffiċjali 2974/2015 maħruġa fit-28 ta' Awwissu, 2015, bħala in parti preskritt għall-finijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u in parti mhux dovut. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, fid-dawl li kien hemm traskuraġni miż-żewġ naħat, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm